*Tifkiriet u Esperjenzi — (1)*

# "Leħen Is-Sewwa" jidħol fil-50 Sena

MINN MONS. PROF. A. BONNICI

**Kien is-Sibt, l-ewwel ta' Settembru 1928 meta waslitli d-dar l-ewwel ħarġa tal-gazzetta l-ġdida ta' kull ġimgħa taħt l-isem ta' 'Leħen is-Sewwa', li bdiet toħroġ bħala ġurnal Kattoliku. F'dak ix-xahar kelli niġi ordnat qassis u għalhekk ħassejtu bħala dmir tiegħi mhux biss li nabbona f'din il-gazzetta, izda ukoll li nsib nies oħra li jabbonaw, biex ninkoraġġixxu l-istampa t-tajba.**

**IL-GUNTA "PRO BUONA STAMPA"**

L-arċisqof Mawru Caruana fis-17 ta' Lulju waqqaf Gunta Djoċesana għat-tixrid tal-istampa t-tajba. Il-membri tagħha kienu; Dun Nerik Bonnici, Kappillan tar-Rabat. Dun Alwig Catania, Kappillan ta' Haz-Zabbar; Dun Anton Galea, Kancillier tal-Kurja; Dun Salv Milanesi, Arċipriet ta' Haz-Zebbug u l-Kan Guzeppi Bonanno, Arċipriet ta' l-Isla.

L-Arċisqof kien ġa ntebaħ bil-ħtiega ta' ġurnal kattolku qawwi f'Malta, li jkun bħaz-ziemel fil-battalja li kienet tinħass riesqa fuq il-kamp politku-religjuz. Għalhekk hu ordna li tinħareġ gazzetta ta' kull ġimgħa, li kellha tissejjaħ "Leħen is-Sewwa". Dan gie mgħarraf lin-nies permezz ta' Ittra Pastorali bid-data tal-15 ta' Awissu 1928.

Bħala Direttur jew Editur tagħha inħatar il-Kappillan Enrico Bonnici, li wara laħaq Monsinjur tal-Kattidral. Kienet għazla mill-aħjar, għax, matul it-28 xahar li dam imexxi dik il-gazzetta, huwa wera kapaċita' kbira bħala ġurnalista u polemista kattolku. Għaliex fit-tilwima li qamet bejn il-Gvern u l-Knisja, huwa għaraf jiddefendi l-jeddijiet tal-Knisja "bil-qawwa kollha u bil-prudenza kif imiss" — espressjoni tiegħu li kien bir-raġun itenni ta' spiss.

It-tilwima kienet bejn il-Gvern f'idejn il-Partit Kostituzzjonali mgħejjun mill-Partit Laburista u l-Knisja Maltija immexxija mill-Arċisqof Caruana f'Malta u l-Isqof Gonzi f'Għawdex, tilwima li ndaħlu fiha saħansitra l-Gvern Ingliz ma naħa u s-Santa Sede ma oħra.

Matul dik il-polemika "Leħen is-Sewwa" kien jippubblika artikoli editorjali mill-isbaħ, dejjem qawwija u meqjusin, tant li l-avversarji qatt ma rnexxielhom iqabbdu difrejhom u jagħmlu libell lill-Editur.

Imma il-kontenut ta' din il-gazzetta ma kienx dan biss, għax fiha kienu jidhru artikoli oħra sbieħ. li jinsistu fuq il-moralita' f'pajjizna. fuq il-grajjiet religjuzi ta' Malta u 'l hemm minnha. Il-"Leħen" kienet tfittex li tferrex il-kultura kattolika fil-Gzejjer tagħna.

**L-ORTOGRAFIJA TAL-"LEĦEN"**

Ta' min isemmi hawn li bis-saħħa tas-Sur Franġisku Saverju Caruana, bniedem imrawwem sewwa fl-ilsien Malti, li kien il-Manager tal-Empire Press (allura fl-Unjoni Kattolka San Guzepp tal-Belt) bdiet tintuza ortografija tal-Malti tant tajba li bdiet tissejjaħ "tal-Leħen". Kienet ortografija xjentifika u fl-istess ħin modernizzata, li kienet tfakkarni f'dik li kont studjajt fl-iskola tal-Gvern fuq il-ktieb 'tat-Tliet Soldi' xi darba inkellimkom fuq dan il-ktieb.

Bħala Amministratur tal-"Leħen" kien Dun Pawl Portelli tal-Furjana, li miet fil-gwerra mirdum taħt il-Knisja tal-Furjana.

Jiena ġie li ktibt xi artiklu fuq il-"Lehen" u niftakar, meta fil-kwestjoni politiko-religjuza li semmejna beda jissemma li se jsir Konkordat bejn is-Santa Sede u l-Gvern Ingliz dwar Malta, kif talab Lord Strickland, li kien Prim Ministru, jiena ktibt artiklu fuq il-Konkordati — x'ifissru, meta il-Knisja tħoss li għandha tagħmilhom x'inhuma l-effetti tagħhom eċċ.

Ma kinux artikoli. Għax, meta fl-1930, Mons. Enrico ġie biex jirtira, is-Superjuri fettlilhom jagħzlu lili bħala Direttur tal-"Leħen". Ngħidilkom is-sew, jien, li nħossni mhux ħazin bħala artikolista, ma kontx inħossni msejjaħ għad-Direzzjoni ta' ġurnal. Imma talabni l-Arċisqof u jien ma għidtlux le. Dak li naf zgur hu li ommi ma tantx ħadet ġost b'dik il-kariga u kienet ta' spiss tgħidli: "Tur, ara x'tikteb li ma jibgħatukx il-ħabs". Domt 33 xahar Editur u għall-grazzja t'Alla ma weħilt qatt il-ħabs u l-anqas ġejt imtella l-Qorti.



**MONS. PROF. ARTURO BONNICI, illum Vigarju Generali, kien it-tieni editur ta' "Leħen is-Sewwa" mill-1931 sal-1933, u għadu sal-lum jikteb regolarment f'dan il-Gurnal. L-artikolett tiegħu li qegħdin inġibu f'din il-paġna huwa l-ewwel wieħed minn sensiela ta' artikli qosra li, bi tħejjija għall-Gublew tar-Deheb ta' "Leħen is-Sewwa", sejrin jidhru matul ix-xhur li ġejjin. B'dawn il-kitbiet, frott ta' diversi nies li fl-imgħoddi kellhom jew għad għandhom xi relazzjoni ma' "Leħen is-Sewwa", inkunu qegħdin niktbu l-istorja ta' 50 sena ta' ħajja u ħidma tal-Gurnal tagħna.**

Halluni ngħidilkom din. Ftit qabel l-għazla tiegħi, il-Gvern Ingliz iddeċieda li jibgħat Kummissjoni Rjali biex tistħarreġ is-sitwazzjoni ta' Malta. Dil-Kummissjoni kienet għodda waslet u wieħed mill-ewwel artikli, li ma ktibtux jien, kien dirett lil dik il-Kummissjoni taħt it-titlu, jekk ma nizbaljax — "Tindaħlulniex". Li kien għalija, tajtu isem anqas iebes. Ftakru li kont għadni ta' 26 sena u jien m'hiniex ta' karattru wisq iebes.

**TERINU U TURINU**

Dr. Xekkek kien laqqamni 'Turinu' għal zewġ raġunijiet: l-ewwel għax kont għadni zgħir; u t-tieni biex forsi iqabbilni mal-famuz Terinu, li l-avversarji kienu jgħidu li kien sakranazz u spergur. Għall-grazzja t'Alla la jien sakranazz u l-anqas spergur. Jekk, min-naħa waħda, kien hemm min attakkani, min-naħa l-oħra kien hemm qassisin u sekulari li kienu jgħinuni mill-aħjar li jistgħu fix-xogħol tiegħi.

Meta niftakar f'dak iz-zmien, ma nistax ma nġibx quddiem għajnejja dik il-kamra mdaqqsa (illum uffiċċju tal-Bank tal-Appostolat tat-Talb) bil-ħitan impittrin, kif jgħidu, fi zmien il-Franċizi, restawrati dan l-aħħar mis-Sur Maurice Cordina bl-ixkaffef mimlijin gazzetti, bil-mejda kbira fin-nofs mgħottija mhux b'tapit imma bil-karti — provi, kontijiet, avvizi eċċ — u turruni ta' kotba stampati imqarstin u mqegħdin fuq xulxin, pakki pakki, fl-art. Għadni nisma' il-ħsejjes tal-makni mill-kmamar l-oħra dejjem sejrin — il-makna ddur u l-karti stampati ħerġin.

Gie li fis-sajf tlajt naħdem fuq il-bejt.

Meta nzur l-istamperija ta' "Il-Hajja", fejn jistampa ruħu l-"Leħen" illum ngħid ġo qalbi. "X'differenza minn zmieni". Izda ma ngħirx. għax id-dinja f'dan il-kamp sejra dejjem 'l quddiem. Kellha bzonn tmur aħjar fil-qasam spiritwali ukoll.

Meta temmet il-kwestjoni religjuza fl-1931, l-artikoli tal-gazzetta ma baqgħux aktar polemiċi daqs qabel. U n-nies donnha bdiet titlef l-interess fil-ġurnal. B'dana kollu, meta Mons. Pawlu Galea, li allura kien Vigarju Generali, qalli li Mons. Caruana kien fi ħsiebu jwaqqaf dak il-ġurnal, jiena, avolja qatt ma ħadt sold għax-xogħol li kont nagħmel, tlabtu jiddiswadi lill-Arċisqof, għax jekk jieqaf, ġurnal diffiċli terga' tibdih.

**BDIL TAD-DIREZZJONI**

Għadda z-zmien u f'Ottubru ta' l-1933 l-Azzjoni Kattolika, li kellha bħala Assistent Ekklezjastiku tagħha lil Mons. Albert Pantalleresco u bħala President lil Dr. Herbert Ganado, talbet lill-Arċisqof biex jerħi f'idejha dik il-gzzetta li fl-1936 bdiet toħroġha kuljum flok darba fil-ġimgħa. Din id-darba ma sibt ebda diffikulta li nerħiha minn taħt idejja, għax kien se jsir pass għall-aħjar. U l-gazzetta għaddiet f'idejn l-Azzjoni Kattolika u l-Arċisqof għazel bħala Direttur ġdid tagħha lil Dr. Herbert Ganado, bniedem intelligenti u ekwilibrat, kittieb tajjeb u fuq kollox kattoliku konvint. Biex jitħaddet fuq iz-zmien li damet il-'Leħen' taħt l-Azzjoni Kattolika nħalli f'idejn xi artikolista ieħor, għax l-Editur illimitali l-ispazju.

Irrid inzid biss li, meta ġejt biex inħalli jien id-Direzzjoni tal-'Leħen', kien hemm min ried jibdillu ismu u jsemmih 'Hobzna ta' Kuljum. Jien tħabatt biex ma ssirx din it-tibdila ta' l-isem. Li kieku saret, illum ma konnix nibdew inħejju ruħna ħalli niċċelebraw il-Gublew tad-Deheb tal-'Leħen is-Sewwa'.

Halluni, bħala bniedem mill-Isla, niftaħar kif għamilt darb'oħra, u ngħid li l-'Leħen' salvajtlu ħajtu u zammejtlu ismu. U nawgurawlu l-'Ad Multos Annos' u ċelebrazzjoni ta' Gublew tad-Deheb denja. Bħalma kienet dik tal-Gublew tal-Fidda.